**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paula Ciantar)**

**vs**

**Paul Farrugia**

**Seduta Distrett**
**Ref Taghna: 17/2018**

**Illum 17 ta' April, 2018**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Paul Farrugia** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 610458 (M) billi huwa akkuzat talli nhar id-29 ta' Novembru 2016 u fil-gimghat, fix-xhur u fis-snin ta' qabel, fil-fond Valletta St. Paul's AFC, Triq Lvant, Valletta, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Immanifattura, immontja, sewwa jew wettaq manutenzjoni, qieghed fis-suq, iddistribwixxa, forna, biegh, kera jew ittrasferixxa, jew ghamel disponibbli ghall-uzu, laqa' ghandu jew opera xi apparat rilevanti ghall-loghob, meta ma kellux licenzja valida mahruga mill-Awtorita';

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, opera, ippromwova, biegh jew ippartecipa fi, jew b'xi mod li jkun, ghen jew hajjar l-operat, promozzjoni jew bejgh ta' loghba mhux awtorizzata;
3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, immanifattura, immonta, sewwa, wettaq manutenzjoni fuq, qieghed fis-suq, iddistriwixxa, forna, biegh, kera, ittrasferixxa, ghamel disponibbli ghall-uzu, laqa' ghandu jew opera xi apparat rilevanti ghal-loghob, jew xi parti jew partijiet minnu meta ma kellux licenzja valida ghal dan l-iskop mahruga mill-Awtorita' jew meta ma kienx ezentat minn dik il-htiega ta' licenzja dwar dak l-apparat rilevanti ghal-loghob jew dik l-attivita' skont regolamenti maghmulin taht dan l-Att;
4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, immanifattura, immonta, qieghed fis-suq, iddistribwixxa, forna, biegh, kera, ittrasferixxa, ghamel disponibbli ghall-uzu, laqa' ghandu jew opera xi makna ghall-loghob tad-divertiment jew makna ghall-loghob tad-divertiment bi premju, jew xi parti jew partijiet minnhom meta ma kellux licenzja valida ghal dan l-iskop mahrug mill-Awtorita' jew meta ma kienx ezentat minn dik il-htiega ta' licenzja dwar dik il-makna ghall-loghob tad-divertiment jew dik il-makna ghall-loghob tad-divertiment bi premju jew dik l-attivita' skont ir-regolamenti maghmulin taht dan l-Att.

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati;

Rat illi fis-seduta tallum il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma ghandiex aktar provi x'tipproduci;

Rat illi d-difiza ddikjarat li ma ghandiex provi x'tipproduci;

Semghet sottomissjonijiet.

**Ikkunsidrat:**

Il-kaz jitratta dwar rejd li ghamlet il-pulizija flimkien ma' rapprezentanti tal-Malta Gaming Authority fid-29 ta' Novembru 2016 fil-font ta' Valletta St. Paul's AFC fejn fil-kantina tal-post instabet magna tal-loghob Mega Jack.

Il-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi minghajr ma gabet prova minn jiggestixxi l-kazin in kwistjoni ta' Valletta St. Paul's AFC li jinsab fi Triq il-Lvant, Valletta. Il-Prosekuzzjoni naqset li ggib prova min hu s-segretarju tal-istess kumitat li jiggestixxi l-post u naqset li ggib prova tal-konessjoni tal-persuna li sabu dak il-hin tmexxi l-bar tal-kazin.

Din il-Qorti tosserva illi l-imputat ma kienx l-unika persuna li kellu access għall-*basement* ghaliex hu kien jiggestixxi l-bar izda ma ngabitx prova li hu kien inkarigat mill-binja kollha li fih jopera dan it-team tal-football.

F'dar-rigward din il-Qorti tirreferi għall-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Keith Stagno Navarro** deċiż fis-27 ta' April 2006 li si trattava ta' pussess aggravat tad-droga kokaina, fejn intqal:

> **"Illi ma hemmx dubju li d-droga kokajina nstabet f'post li kien jaqa' taht il-kontroll effettiv tal-appellant, pero` dan mhux bizzejjed biex jirrizulta pruvat ir-reat in dizamina w jrid ukoll jirrizulta l-element tax-xjenza li f'dan il-post kien hemm id-droga. Din trid tirrizulta jew mic-cirkostanzi jew**

**minn xi ammissjoni da parti tal-persuna akkuzata. Dan ghaliex mhux eskluz li f'post li fuqu persuna jista' ikollha l-kontroll anki esklussiv, li persuna ohra, ad insaputa tal-persuna li jkollha l-kontroll, tkun poggiet jew hbiet xi droga jew sustanza illecita. Hekk per ezempju wiehed jista' jkollu kontroll effettiv u esklussiv fuq karozza ipparkjata registrata fuq ismu imma ma jkunx jaf li xi hadd, ad insaputa tieghu, ikun tefghalu nitfa droga mix-xaqq tat-tieqa miftuha, biex forsi jinkriminah. L-istess missier li ghandu l-kontroll fuq ir-residenza tieghu ma jistax jinstab hati ta' pussess ta' droga jekk per ezempju ad insaputa tieghu , wiehed minn uliedu li jghix mieghu jkun dahhal droga u hbieha jew zammha f'daru. Ghalhekk mhux bizzejjed li jigi pruvat il-kontroll effettiv jew sahansitra esklussiv fuq xi post, imma jrid jigi pruvat, sal-grad tac-certezza morali, l-element tax-*scienter*, cioe` li jkun konsapevoli li f'dak il-post li jaqa' taht il-kontroll tieghu attwalment hemm id-droga. L-Ewwel Qorti jidher li m'ghamlitx distinzjoni bejn il-kuncett tal-pussess kostruttiv tad-droga w cioe` meta ghalkemm id-droga ma tkunx fil-pussess fiziku ta' dak li jkun, tkun f'post fejn hu jkollu l-kontroll effettiv u l-kuncett ta' pussess effettiv jew kontroll ta' post. F'ta' l-ewwel, element essenzjali hu dejjem l-element tax-xjenza dwar l-ezistenza tad-droga f'dak il-post u, jekk ma jigix pruvat dan l-element, ma tistax tinstab htija."**

Kif ingħad l-imputat ma kellux il-pussess esklussiv tal-*basement* tal-każin. Kien hemm nies oħrajn li kellhom aċċess ghall-font. Ma ġiex

pruvat li kien jaf bil-kaxxa tal-loghob. U lanqas ma ġie ppruvat *nexus* bejnu u dak li nstab fid-data inkwistjoni, ma kienx ippruvat meta beda jmexxi l-bar tal-kazin, lanqas giet esbeita xi licenzja li tindika li hu kien responsabbli, jew inkella *substitute* u allura kien responsabbli. U lanqas giet esebita formalment il-magna tal-loghob Mega Jack u lanqas il-muniti li nghad li nstabu fiha.

Anke l-Qorti tal-Appell ipprezeduta mill-Imhallef David Scicluna fil-kaz il-**Pulizija vs Mark Agius** deciz nhar l-Erbgħa 27 ta' April 2016 dwar splussiv li nstab fil-basement tal-kazin tal-banda fin-Naxxar illibera lill-imputat minhabba n-nuqqas ta' prova ta' *nexus* bejnu u dak li nstab.

Ir-rapprezentant tal-MGA li kien prezenti fir-raid li ghamlu fil-post spjega li l-imputat ma ghamel l-ebda ostaklu biex jaghmlu xogholhom. L-istess rapprezentant xehed li ma kellhomx informazzjoni meta l-ahhar li ntuzat il-magna jew jekk kienet tintuza ghaliex meta fethuha ma sabux flus fiha.

Kienet il-Prosekuzzjoni li ghalqet il-provi minghajr <u>ma gabet provi krucjali li jorbtu l-persuna mal-fond u mal-oggett illegali li nstab fil-fond</u>. L-Ufficjal tal-Pulizija li mexxiet il-kaz ma xehditx dwar l-istharrig li ghamlu wara r-raid li sar u lanqas kienet prezenti biex taghmel sottomissjonijiet finali qabel inghatat is-sentenza u strahet fuq Spettur iehor li ma kienx dedott mill-fatti tal-kaz.

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzati jigu misjuba hatja l-akkuzi migjuba fil-

konfront taghhom dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru 1997** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk quddiemha huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lil Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabilita' u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih u tilliberah.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**